**178. Id-Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament, l-Onor. Joseph Cassar jipproponi:**

Billi b'Riżoluzzjoni tas-Seduta Numru 192 tas-17 ta' Lulju 1978, il-Kamra tas-Deputati approvat it-trasferiment tal-korp ra' bini magħruf bħala St Julian's Court San Ġiljan lill-Holiday Services Company Limited;

U billi l-istess Kumpanija talbet li l-istess kuntratt approvat mill-Kamra tad-Deputati kif ġa emendat jerġa' jiġi modifikat kif jirriżulta aħjar mill-abbozz ta' kuntratt imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra;

U billi huwa maħsub fil- paragrafu (ċ) tas-subartiklu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad- Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-abbozz ta' kuntratt fuq imsemmi li jimmodifika l-kuntratt oriġinali kif ġa emendat jiġi approvat.

25.07.84